**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 79/07**
L-Erbgħa 21 ta' Frar 2018 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | *WASAL 6.00PM* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *WASAL 6.30PM* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

79.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
79.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
79.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
79.5 Rapporti;
79.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 63/07;
79.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
79.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
79.9 Mozzjonijiet;
79.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 79.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

i. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa. Ittri ta' Apoloġija

## 79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

i. Il-Minuti Nru. 77/2018 tat-Tnejn 29 ta' Jannar 2018 kif ukoll il-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Nru. 78/2018 tal-Ġimgħa 16 ta' Frar 2018 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 79.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

i Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, dan kien baqa' jfittxu u jċempillu u jinsisti li jiltaqa' miegħu. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

i.i Sadanittant is-Sindku spjega li hu flimkien mas-Seg Eżek. kienu reġgħu daru l-kontijiet pendenti hekk kif kienu vverifikati mill-Perit Mintoff li huma dovuti lill-Vella Group u sabu xi inażettezzi. Għaldaqstant kien ser jintalab appuntament mal-istess Perit sabiex jerġa jiċċekkja sewwa dawn il-kontijiet. Inażżettezzi Kontijiet

i.ii Is-Sindku qal li fir-rigward tal-problema ta' tħaffir fi Triq Dun Karm Sant minn dan l-istess Kuntrattur, kien għadu ma rċeviex mingħand it-TM sabiex jiġu jivverifikaw ix-xogħolijiet li kienu saru. Vella Group – Triq DunKarm Sant

ii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna qed nistennew risposta mingħand l-istess Cassar Ship Repair wara li s-Sur Cassar kien baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara min kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows. Żied jgħid is-Sindku li dan wara li qed jintbgħatu r-reminders lill-istess Sur Tony Cassar. Turf tal-ground 5 aside

ii.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa jekk aħna tkellimniex mal-avukat biex naraw jekk nistgħux nfittxu lill-Aġent Malti għax aħna lilu nafu. Il-Kunsillier Luke Genuis staqsa jekk fuq ir-riżultat tal-Qorti hemmx indikat li aħna rridu nfittxu lit-Taljani jew il-kumpanija @240. Is-Sindku Paul Farrugia żied li anke jekk naslu biex nerġgħu nibdew nużaw il-grawnd dan effittavament xorta ma jistax isir għaliex l-Ex Sindku Joseph Abela kien rema ix-xibka li kienet tgħatti l-arja mikxufa u l-gnub biex il-ballun ma jaqax għand in-nies. Il-Kunsilliera Doris Vella staqsiet kemm kienet setgħat tiswa din ix-xibka. Is-Sindku wieġeb li l-aħħar stima li kienu ġabu madwar 4 snin ilu kienet tindika l-valur ta' madwar €13,000. Xibka grawnd 5 Aside

*Il-Kunsillier Frans Agius wasal fis-6pm*

iii. Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara ħafna tentattivi biex il-Perit jgħaddilna d-dokumentazzjoni relata mal-UIF dan fl-aħħar bgħathom illum stess il-jum tal-laqgħa fit-3.30pm. Paul Farrugia żied li dawn id-dokumenti ser jeħodhom hu personali, u qal ukoll li parti mix-xogħol u dokumentazzjoni li kellna bżonn bħal ritratti kellu jieħu ħsiebhom hu għax il-perit ma għamilhomx. Tender toroq

iii.i Il-Kunsillier Luke Genuis staqsa jekk qedx inħallsu għal kontijiet tal-Perit. Is-Sindku kkonferma li l-Perit għandu xi kontijiet pendenti li qegħdin jiġu Kontijiet pendenti Perit Mintoff

miżmuma minħabba li x-xogħol fuqhom għadu ma sarx. Fosthom hemm ukoll il-kont tal-ippreparar tat-tender ta' Kurunell Mas peress li x-xogħol ma sarx kif suppost.

**iii.ii** Sadanittant is-Sindku Paul Farrugia żied jispjega li din il-ġimgħa kellna laqgħa mal-WSC dwar xi kontijiet li l-kuntrattur qed tgħaddilna u f'din il-laqgħa ħareġ li hemm xi żbalji. Dan għall-fatt li ċerta xogħlijiet li l-Kunsill għamel relatati mal-WSC jridu jitħallsu mill-WSC lill-kuntrattur filwaqt li jidher li meta l-kuntrattur qed tibgħatilna l-kontijiet qed tinkludi dawn il-ħlasijiet fuqna u jista jagħti l-kaz li din titħallas darbtejn jiġifieri mill-Kunsill u mill-WSC. Għalhekk irridu nitlaqgħu mal-kuntrattur u mal-perit biex nidentifikaw dawn in-nuqqasijiet. Kontijiet relatati mal-WSC mill-Kuntrattur

**iv.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tat-toroq Paola u Santa Marija, kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti pero hu kien iltaqa' mal-Ministru u reġa fakkru fuqha. Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

**v.** Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-inizjattiva li kull Reġjun kien ingħata €100,000 għall-asfaltar tat-toroq, peress li issa d-Dipt. Gvern Lokali kien għadda l-flus għand ir-Reġjun Xlokk, hu f'isem il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien kien diġa ressaq il-BOQ għax-xogħol li kien għadu kif intemm fit-toroq Annetto Caruana u Triq Sta Marija (parti). Hawnhekk is-Sindku żied jispjega li għalkemm kien infurmahom ftit qabel li l-flus kienu daħlu fil-kont bankarju tar-Reġjun Xlokk, ġurnata fost l-oħrajn u dan wara kważi xahrejn mit-trasfermint fil-kont bankarju tal-istess Reġjun Xlokk, id-Dipt. Gvern Lokali bgħat jinforma lir-Reġjun permezz ta' email li dak it-transfer sar fil-kont bankarju ħażin. Min-naħa tar-Reġjun Xlokk kienu kitbu lura lid-DLG u sad-data tal-laqgħa kienet għaddiet diversi korrispondenza. Bl-aħħar korrispondenza tkun li kellha ssir laqgħa mad-Direttur Ġenerali s-Sur Natalino Attard, Mal-President tal-Assoċ. Kunsilli Lokali s-Sur Mario Fava flimkien miegħu Paul Farrugia bħala President tar-Reġjun Xlokk. Inizjattiva €100,000 kull Reġjun

**vi.** Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT, is-Sindku qal li dawn kienu ser jingħataw 6. Laqgħa GREEN MT – Bins

**vii.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

**vii.i** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**viii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat fil-laqgħa preċedenti dwar il-bus shelter ta' Triq Palma. Żied jgħid li l-AKL kienet bgħatet ir-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar din il-materja. Bus Shelter Triq Palma

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm kien ressaq il-kummenti tiegħu lit-TM kien għadu kollox pendenti fuq il-każ dwar id-double yellow lines fi Triq Pellikani Nru. 80, St Michael. Triq Pellikani Nru. 80, St Michael

**x.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ħaddiema li l-Kunsill kellu assenjati miegħu, jidher li kien hemm ċaqlieqa favorevoli. Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-6.30pm*

**xi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jistenna li s-Sur Dennis Calleja jirkupra saħħtu qabel ma jkellmu ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li konna ktibna lill-Kummissjoni hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti, konna għadna mingħajr tweġiba mingħand l-Kumm. Elettorali fir-rigward tal-binja li kienet qed tiġi allokata ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien. Blokka apaprtament i ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba mingħand id-Direttur tat-Tarxien Youth Centre Ċirkolu San Ġwann Bosco biex jagħmlu użu tal-ground 5 aside u d-dressing rooms, għalkemm konna rċevejna d-disclaimer konna għadna ma ġejniex avviċinati sabiex isir l-użu tal-ground 5 aside kif maqbul. Talba użu tal-ground

**xiv.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fir-rigward ta' madwar €22,000 bħala fondi li kien għad fadallu jieħu tal-proġett tal-ERDF 213 – *Sustainable Tourism in a Village of Culture* jidher li fl-aħħar konna wasalna għaliex kienet waslet konferma li ġew approvati li jitħallsu lilna. Proġett ERDF213

*Il-Kunsillier Frans Agius wasal fis-6.15PM*

**xv.** Is-Sindku nofrma lill-Kunsill li kien għadu qed jipprova jagħmel kuntatt mal-Kuntrattur li kien ħadmilna l-pavimentar ta' Ġnien Veliko Turnovo sabiex tiżdied tarġa oħra mat-taraġ ta' fejn il-latrina. Tarġa - Ġnien Veliko Turnovo

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tat-tender għax-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass, din issa kienet għalqet u kienu daħlu ħames offerti pero tnejn minnhom kienu xorta. Jiġifieri 4 kienu effettivament l-offerti. Is-Sindku żied jispjega li bħala wieħed mill-membri tal-Bord ta' Evalwazzjoni kellu jkun persuna teknika. Hawnhekk is-Seg. Eżek. żiedet tispjega li bħala membri fil-Bord ta' Evalwazzjoni kellu jkun hemm is-Sindku bħala Chairman mingħajr dritt ta' vot, is-Segretarju Eżekttiv mingħajr dritt ta' vot flimkien ma' Avukat, Accountant, u -Persuna Teknika li dawn it-tlieta kollha jkollhom dritt għall-vot. Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

**xvi.i** Hawnhekk il-laqgħa ġiet sospiza filwaqt li l-kunsillieri ħarġu l-barra mill-kamra sakemm saret telefonata sabiex jitolbu linja gwida.

**xvi.ii** Għoxrin minuta wara daħlu lura u qalu li lkoll kienu qed jiddikjaraw li kienu ser ikomplu l-laqgħa taħt protesta minħabba li kien hemm materji importanti x'jiġu diskussi.

**xvi.iii** Is-Sindku Paul Farrugia, l-Viċi Sindku Keith Darmanin flimkien mal-ħames Kunsillieri Frans Agius, Lawrence Bonavia, Ishmael Dalli, Doris Vella u Luke Genuis, kollha ddikjaraw li m'humiex jaqblu li bħala persuni eletti demokratikament mill-poplu Malti, m'humiex jingħataw id-dritt għall-vot meta jiġu għall-evalwazzjoni tat-tenders u għaldaqstant kienu qed jirreġistraw din il-protesta.

**xvi.iv** Sadanittant il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tibgħat tinforma lid-Direttur Gvern Lokali b'tali protesta.

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rċevejna lment sabiex jerġa jsir xi lqugħ fuq li stage ta' Triq Tarxien fejn kien hemm l-għassa dari'. Saret diskussjoni Bus Shelter – Triq Tarxien

dwar dan u ġie deċiż li għalissa l-Kunsill kellu jistenna l-eżietu tat-tender li l-MPT kienet ħarġet.

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm kien sar rapport lill-pulizija dwar l-inċident li kien seħħ fil-pjazza tal-knisja parrokkjali fejn vettura kienet baqgħet dieħla ġol-bankijiet, baqa' ma sar xejn. Is-Sindku żied jispjega li sadanittant is-Sur Martin Agius offra li jirranġahom bxejn. Inċident fil-Pjazza quddiem il-knisja parrokkjali

**xix.** Is-Sindku talab lill-Kunsillier Ismael Dalli sabiex jirraporta dwar l-applikazzjoni għall-bike racks fir-raħal. Il-Kunsillier Dalli qal li kienet kellmitu persuna mill-Ministeru tal-Finanzi fejn infurmatu li bażikament ma kienux aċċettaw l-ewwel applikazzjoni. Qal ukoll li għaldaqstant kien kellu jġib kwotazzjoni għal tip ieħor. Bicycle Racks

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba tal-Kunsillier Frans Agius fil-laqgħa preċedenti sabiex il-Kunsill jerġa jikteb lill-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji, din l-ittra kienet intbgħatet pero ma kienx għad kellna risposta. Jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji

**xx.i** Hawnhekk il-Kunsillier Frans Agius qal li t-tabella ta' Triq is-Sorijiet k/m Triq Sta Tereza fuq il-ħanut Patakkus kienet inbidlet. Is-Sindku wieġeb li kien għad hemm tabelli oħra li kienu għadhom ma nbiddlux.

**xxi.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess fir-rigward tat-tabella li kienet reġgħet twaħħlet sabiex minn Xintill k/m Triq Paola ma jgħaddux heavy vehicles. Il-Kunsillier Ismael Dalli qal li filgħodu fi Triq Xintill k/m Triq Paola kien ra l-gwardjan lokali. Tabella sabiex minn Xintill k/m Triq Paola ma jgħaddux heavy vehicles

**xxii.** Fir-rigward tal-kuntratt ta' Ġbir ta' Skart Domestiku, s-Sindku qal li bħalissa bħala AKL kienu qed jiddiskutu dan u kien hemm suġġeriment li jibda jinġabar mid-9am 'l quddiem. Il-Kunsillier Frans Agius issuġerixxa li anke forsi nibdlu r-rotta. Ġie ssuġġerit li tiżdied klawsola li jekk jkun hemm xi ħaġa fil-liġi trid tidħol in kunsiderazzjoni fit-tender. Skart Domestiku

**xxii.i.** Qal ukoll li bħala AKL iddiskutew is-servizz ta' *bring in sites*. Qal li ltaqgħu maż-żewġ operaturi biex jaraw liema tip ta' *bring in sites* l-aħjar li jsiru. Bring In Sites

**xxiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet intbgħatet t-talba lit-TM sabiex isiru double yellow lines faċċata ta' garaxx Nru. 7, fi Triq Lanzon. Saret ukoll nota li l-Kunsill ma jaqbilx li jitneħħew xi parkings. Dwar dan konna għadna ma rċevejniex risposta. Double yellow lines faċċata ta' garaxx Nru. 7,triq Lanzon

**xxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook u li din il-kawża kienet reġgħet ġiet differita. Kawża l-Qorti

**xxv.** Fir-rigward tat-talba għal one way system fi Triq Dun Ġwann Mamo ma' triq San Franġisk – is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet intbgħatet it-talba lit-TM bil-verżjoni t-tajba.. Talbiet TM

**xxvi.** Fir-rigward tat-talba għad-double yellow lines faċċata ta' garaxx no 3a Vjal Simmons, is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna ninfurmaw lit-TM li kien rizolt li l-Kunsill ma qabilx ma din it-talba, pero dwar dan żied is-Sindku konna għadna ma rċevejniex risposta mingħand l-istess TM. double yellow lines faċċata ta' garaxx no 3a Vjal Simmons

**xxvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għal jiem tal-pageant il-kbira nhar is-27 & 28 ta'

Marzu 2018 fil-pjazza tal-Knisja kien qed jissuġġerixxi li jitpoġġew bins u mobile toilets. Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sindku.

**xxviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kera taċ-Ċentru Komunitarju kienet waslet biex tagħlaq. Sid il-kera kienet bgħatet tinfurmana li ladarba l-kuntratt kien ser jiskadi hija kienet ser tgħolli l-kera għal €18 kuljum filwaqt li l-kuntratt ikun marbgħut għal 5 snin. Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament iddeċieda u qabel li dan il-kuntratt il-ġdid ma jiġix mġedded filwaqt li ladarba l-kuntratt attwali jagħlaq il-Kunsill kellu jirritorna lura ċwievet tal-post lis-sid. Fergħa Librerija Lokali – Dressing Rooms Ground 5 Aside

**xxviii.i** Hawnhekk is-Sindku Paul Farrugia qal li peress li l-fergħa tal-librerija kienet tinsab fis-sit in kwistjoni kien qed jissuġġerixxi li temporanjament il-librerija tiġi trasferita fid-dressing rooms tal-5 aside ground.

Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tas-Sindku.

**xxix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill sabiex Triq Dun Gwann Mamo tiġi *one way* kienet ġiet approvata mit- TM. Is-Sindku qal li għaldaqstant kienu ser jiġu ordnati t-tabelli neċessarji. Triq Dun Gwann Mamo tiġi *one way*

**xxx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mit-TM sabiex issir reserved parking fi Triq it-Tempji Neolitiċi quddiem ir-residenza Nru 28 "Awstralja. Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill rrimarka li fejn kien qed jiġi ssuġerit ma kienx hemm parking f'dik in-naħa ta' triq. Għaldaqstant il-Kunsill unanimament qabel li nibgħatu ninfurmaw lit-TM dwar dan. reserved parking fi Triq it-Tempji Neolitiċi

## 79.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**i.** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa jekk it-traffic calmer fi Triq Xintill setatx tiżdied għal wesa' kollha tat-triq. Is-Sindku Paul Farrugia wieġeb li diġa kien ħa fuq il-post lill-kuntrattur sabiex din issir. traffic calmer fi Triq Xintill

**ii.** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa dwar sigra fi Ġnien Joanne man-naħa tar-residenzi. Is-Sindku wieġeb li dak il-każ kien diġa ġie riżolt mal-kuntrattur tal-ġonna fejn kien ħa ħsieb sabiex din is-siġra tiġi ttrimjata u xi friegħi maqtugħa. sigra fi joanne garden man-naħa tar-residenzi

**iii.** Il-Kunsillier Ismael Dalli ssuġġerixxa li l-Kunsill jipparteċipa fl-Earth Clean Up Day. Il-Kunsill unanimament qabel li jipparteċipa. Il-Kunsillier Ismael Dalli ser jieħu ħsieb jara x'inhuma r-rekwiżiti mitluba għall-parteċipazzjoni. Earth Clean Up Day

## 79.5 Rapporti

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

## 79.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.63/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**79.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**79.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**79.9 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**79.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-7:30PM.

**ii.** Laqgħa oħra ser tinżamm nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2018 fil-5.30pm.

***(IFFIRMATA)***

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

***(IFFIRMATA)***

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**